MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 652/1998/1

**Rosaria Schembri, Suor Rosangela Schembri,**
**Maria Fenech, Catarina Formosa, Rosanna Mula,**
**Emanuel Schembri, Antonio Schembri,**
**Salvatore Schembri u Anna Schembri**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ April 2005, li permezz taghha cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

Din il-Qorti sejra l-ewwel nett tirriproduci s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti fl-intier taghha peress li din fiha r-rikors promotorju ta’ dawk li llum huma l-appellanti, ir-risposta tal-intimati (illum appellati), kif ukoll ir-ragunijiet li a bazi taghhom l-ewwel qorti waslet ghad-decizjoni taghha:-

**“Il-Qorti:**

**“Preliminari**

“Rat **ir-rikors kostituzzjonali** ta’ Rosaria Schembri et fejn ippremettiet:

1. Illi huma proprjetarji ta’ bicctejn art f’Hal Ghaxaq:(a) wahda tal-kejl ta’ 71.5 metri kwadri tmiss mit-Tramuntana ma’ Ghaxaq Bypass, mil-Lbic ma’ proprjeta` tal-Knisja Parrokjali ta’ San Girgor, Sliema, mix-Xlokk ma’ proprjeta` ta’ Joseph Schembri (li se tissejjah Porzjon A) u l-ohra (b) tal-kejl ta’ 1930.3 metri kwadri u tmiss mill-Majjistral ma’ proprjeta` ta’ Mons. Lorenzo Spiteri mit-Tramuntana ma’ Ghaxaq Bypass u mil-Lvant ma’ Sqaq Cawliet, (li se tissejjah Porzjon B);

2. Illi fil-15 ta’ Frar, 1974 harget Dikjarazzjoni tal-Gvernatur li dawk l-artijiet kienu mehtiega b’titolu ta’ xiri assolut ghal skop pubbliku u b’Avviz ghal Ftehim tal-19 ta’ Novembru, 1974 l-proprjetarji gew offerti ghalihom Lm81 u Lm2,095 rispettivament bhala kumpens;

3. Illi l-imsemmija Dikjarazzjoni ta’ esproprijazzjoni saret ghal skopijiet pubblici fl-1974 mentri sal-lum l-awtorita` ma ghamlet ebda uzu ghal dak l-iskop minn dawn l-artijiet; fil-fatt ghar-rigward il-Porzjoni A din inghatat lill-privat sabiex persuna li kellha dar setghet tibni ‘garage’ u jkollha gnien; filwaqt li dwar il-Porzjoni B l-awtorita` governattiva poggiet plakka kommemorattiva f’bicca zghira minnha, u halliet il-kumplament inutilizzat;

4. Illi l-iskop pubbliku li ghalih huwa permess it-tehid ta' art ta' proprjeta` privata ghandu jkun qabel xejn pubbliku u cioe` mhux skop purament privat; fl-istess hin l-iskop pubbliku irid ikun reali, konkret u mhux semplicement ipotetiku. Il-fatt li f'kwart ta' seklu l-Gvern ma sab xejn x'jaghmel b'din l-art hija prova nnifisha ta' nuqqas ta' skop pubbliku reali u konkret.

*5.* Illi l-Art. 6 tal-Kap. 88 jipprovdi li "*no person shall require proof of the public purpose referred to in section 3 and 4 and in subsection (1) of section 8 other than the Declaration of the President of Malta".*

6. Illi dan il-provvediment hu f'konflitt dirett mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li jipprovdi li art tista' tittiehed biss mill-Gvern 'fl-interess pubbliku', u ghalhekk hu legittimu ghall-Qrati li jezaminaw jekk kienx hemm interess pubbliku fil-mument tat-tehid tal-art u jekk ghadx hemm dak l-interess pubbliku realment illum li l-Gvern se jixtri kontra l-volonta` tar-rikorrenti l-art in kwistjoni.

7. Illi terga' u minghajr pregudizzju ghall-premess il-kumpens offrut mill-Gvern ma hux wiehed xieraq; fil-fatt fl-1974 gew offruti Lm 81 u Lm2,095 ghal din l-art bl-avviz ghal ftehim fuq indikat;

8. Illi r-rikorrenti ma accettawx dak il-kumpens u talbu li l-prezz ikun ta Lm30 ghal kull qasba kwadra, stante li din kienet art fabbrikabbli;

9. Illi b'sentenza moghtija mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet fit-13 t'Ottubru, 1995 fil-kawza fl-ismijiet inversi (Rik. 30/90) gie ordnat li r-rikorrenti jittrasferixxu b'titolu ta' xiri assolut l-istess bicctejn art versu l-kumpens ta' Lm22.78 u lm7,099.94 ghaz-zewg porzjonijiet rispettivament;

10. Illi r-rikorrenti appellaw minn din id-decizjoni quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell – Sede Inferjuri – izda din, bis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju, 1997

iddikjarat is-sentenza tal-Bord hija inappellabbli skond il-ligi u ghalhekk l-appell tal-esponenti kien null;

11. Illi huwa car u evidenti li l-kumpens stabbilit huwa ‘l boghod ferm mill-kumpens xieraq rikjest mil-ligi u dana gie kagunat ghal diversi ragunijiet:

(a) l-art kollha ta’ madwar l-art ‘de quo’ hija art li hargu l-permessi tal-bini dwarha, l-art ‘de quo’ ma gietx meqjusa bhala art fabbrikabbli;

(b) skond l-Art. 27 (1) tal-Kap. 88, il-valur tal-art tigi stabbilita bhala dik fil-mument li jigi notifikat l-Avviz ghal Ftehim u cioe` fl-1974. Il-kawza giet deciza fl-1995, wiehed u ghoxrin (21) sena wara, bi ksur tal-Kostituzzjoni, u ghalhekk issa r-rikorrenti qed jigu ordnati bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1996 li jittrasferixxu proprjeta` – li skond l-istima tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi tiswa bil-valuri tal-lum mal-Lm105,000 – bi prezz globali ghaz-zewg porzjonijiet ta’ Lm7,377.72;

“Illi minhabba r-ragunijiet fuq esposti, ma giex offert kumpens xieraq lir-rikorrenti ghal art li ttehditilhom mill-Gvern ta’ Malta u gie offert biss kumpens irrizorju u dana bi ksur tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

“Illi in kwantu l-Gvern ta’ Malta, li ghandu d-dritt esklussiv li jadixxi l-Bord dwar l-Arbitragg tal-Artijiet ghal kumpens li ghandu jhallas ghal art li hu ha, dam sittax il-sena biex jadixxi l-istess Bord halli jibda l-process tad-determinazzjoni tal-kumpens minnu dovut lir-rikorrenti (1974-1990), dana jammonta ghal vjolazzjoni tal-Art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li jiggarantixxi d-dritt ghal smiegh xieraq *fi zmien ragjonevoli* ta’ kawzi li jiddeterminaw l-estensjoni u l-ezistenza tad-drittijiet civili tar-rikorrenti u din l-istess vjolazzjoni kkagunat ghar-ragunijiet fuq spjegati vjolazzjoni tal-Ewwel Protokol fuq indikat ghax ghenet, fost kawzi ohra, sabiex ir-rikorrenti ma jiehdux kumpens xieraq ghall-art esproprijata;

“Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha in vista tal-premess:

1. Tiddikjara li l-artikolu 6 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa in vjolazzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;
2. Tiddikjara u tiddeciedi li d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur li esproprijat l-artijiet fuq indikati tal-15 ta’ Frar, 1974 hija nulla ‘in toto’ jew ‘in parte’ ghaliex ma saritx fl-interess pubbliku, u fi kwalunkwe kaz illum ma ghandhiex ikollha iktar effett ghax l-art ma hiex qed tintuza ghal skop pubbliku u konsegwentement tordna lill-intimati jirrilaxxjaw l-istess art ‘in toto’ jew in parti lir-rikorrenti;
3. Alternattivament jew simultanjament tiddikjara li l-kumpens stabbilit mill-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet ghal esproprijazzjoni tal-artijiet fuq indikati ma hux kumpens xieraq u b’hekk jivvjola l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement tillikwida l-istess kumpens skond il-ligi jew somma li ghandha tithallas mill-intimati in linea ta’ danni biex taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas ta’ kumpens xieraq;
4. Indipendentement mit-talbiet fuq indikati, tiddikjara li d-dewmien ta’ (16) sittax-il sena sabiex tibda l-kawza quddiem il-Bord fuq indikat sabiex jigi stabbilit il-kumpens ghal esproprjazzjoni jivvjola l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u in kwantu dan id-dewmien naqqas il-kumpens li gie stabbilit, jivvjola wkoll l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.
5. Tohrog dawk l-atti u taghmel dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex tizgura t-twettiq tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti fuq indikati.

“Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat **ir-risposta** ta’ l-Avukat Generali u l-Kummissarju ta’ l-Artijiet a fol. 9 fejn issottomettew:

“Illi rigward id-dewmien l-esponenti jissottomettu:-

1. Illi s-socjeta` rikorrenti setghet intavolat kawza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili biex din tipprefiggi

terminu lil Kummissarju ta' l-Artijiet biex jibda l-proceduri necessarji u hija dan naqset li taghmlu u minflok ghazlet li taccetta s-sitwazzjoni.

2. Illi l-Art. 22 (3) tal-Kap. 88 jaghmilha cara li l-awtorita` kompetenti ghandha l-obbligu li ggib il-kaz quddiem il-Bord. Ghaldaqstant jekk l-awtorita` kompetenti ma tressaqx il-kaz quddiem il-Bord kif jistipola l-Art. 22 (3) hija tkun qed tmur kontra proceduri mandatarji u r-rikorrenti jkollhom rimedju taht l-Art. 469 (A) (b) (ii) tal-Kap. 12.

3. Illi r-rikorrenti nfushom ma urew l-ebda nteress billi kieku huma vera kienu ppregudikati mid-dewmien huma stess setghu jiskattaw il-proceduri necessarji bilmezzi li taghtihom il-ligi kif fuq deskritt.

4. Illi m'huwiex minnu li d-dewmien naqqas il-kumpens dovut billi sa kemm il-partijiet jersqu ghall-kuntratt jibdew ghaddejjin l-interessi.

5. Illi kemm-il darba r-rikorrenti sofra xi danni mid-dewmien din l-Onorabbli Qorti m'hiex il-Qorti idonea.

Illi rigward il-kumpens stabbilit mill-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet l-esponenti jissottomettu:

1. Illi l-kumpens hekk iffissat huwa wiehed xieraq u li l-Bord semghet iz-zewg partijiet skond l-Art. 25 (3) u qaghdet fuq ir-rapporti ta' periti assessuri li certament ikunu jafu fejn ihabbat il-prezz.

2. Illi minghajr pregudizzju skond id-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet 'James and Others vs UK' u 'Lithgrow and Others vs UK' persuna li l-proprjeta` taghha tigi esproprjata m'ghandhiex 'dritt fondamentali' taht l-Art. 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li tithallas il-valur shih tal-proprjeta` u l-ligi tista' ghal ragunijiet socjali tipprovdi ghal kumpens li jkun anqas mill-'full market value'.

3. Illi minghajr pregudizzju, din l-Onorabbli Qorti m'hijiex il-Qorti kompetenti biex tillikwida l-kumpens dovut jew somma in linea ta' danni.

"Illi rigward l-Artikolu 6 tal-Kap. 88 l-esponent jissottometti illi dan ma jmurx kontra l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Illi ligijiet ta' pajjizi barranin ukoll jikkontemplaw Artikolu ta' l-istess natura, u cioe` li ma jippermettiex li l-Qrati jinterpretaw x'inhu l-'Public Purpose'. Dan huwa illustrat fil-kazijiet "Wijeyesekra vs Festing" (1919) AC 646, u "W.H. Blakely & Co Ltd vs Commonwealth of Australia" (1953 87 CLR 501).

"Illi partikolarment fil-Kanada l-Qrati dejjem imxew fuq il-massima illi l-kwistjoni ta' x'jikkostitwixxi agir ghal skop pubbliku jew fl-interess pubbliku kienet wahda politika u mhux wahda gudizzjarja. ("The King vs Halifax Geacing Dock Co. Ltd" 1920 20 Canada Exchequer Ct Reports 44 p58).

"Illi f' "Berman vs Perker" 348 US 26 (1954) Douglas J esprima l-opinjoni unanima tal-Qorti Suprema Amerikana fejn enfasizza li l-Kungress ghandu jkollu diskrezzjoni wiesgha fl-ghazla ta' l-hekk imsejha *public objectives*. Hu gibed l-attenzjoni lejn il-fatt li l-azzjonijiet tal-gvern fl-interess pubbliku huma wiesgha u li d-dikjarazzjonijiet tal-legislatura dwar l-interess pubbliku <u>huma konklussivi.</u>

"Illi fl-appell mill-Indja "Hamabai Franjee Petit vs Secretary of the State for India" (AIR 1914 PC2C) il-Privy council ma kienx accetta li t-terminu "public purpose" tinghatalu nterpretazzjoni stretta u rrifjuta li jinterpreta dan it-terminu bhala li jfisser li l-art esproprijata trid tkun maghmula accessibli ghall-uzu generali tal-pubbliku. Il-Qorti ddecidiet favur li tiittiehed l-art biex tipprovdi djar ghal ufficjali tal-Gvern.

"Illi ghaldaqstant l-esponent waqt li jirritjeni li l-art in kwistjoni verament ittiehdet ghal skop pubbliku huwa jinsisti li l-Art. 6 ma jmurx kontra l-Ewwel Protokol tant li dan il-principju gie sancit u accettat f'sistemi demokratici barranin.

"Illi *di piu*, lanqas huwa korrett illi wiehed jiehu l-Art. 6 tal-Kap. 88 barra l-kontest tal-ligijiet l-ohra applikabbli u wara li jizolah jghid li dan imur kontra l-Art 1 ta' l-Ewwel Protokol. In fatti taht id-Dispozizzjonijiet ta' l-Att XIV ta' l-1987 il-Qrati Maltin regolarment jezaminaw jekk esproprijazzjoni saritx ghal skop pubbliku jew le.

"Illi *di piu*, l-Art. 6 tal-Kap. 88 ma jeskludix l-istharrig gudizzjarju dwar jekk l-awtorita` tkunx agixxiet *in buona fede* u skond il-principji fondamentali tad-dritt.

"Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

"Semghet ix-xhieda bil-gurament;

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti.

"F'dana r-rikors ir-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni li gew lezi d-drittijiet fondamentali taghhom ghal smiegh xieraq u ghat tgawdija ta' proprjeta`.

**"FATTI**

"Ir-rikorrenti kienu sidien ta' bicctejn art f'Hal-Ghaxaq kif hemm deskritt fir-rikors promotur. Fil-15 ta' Frar 1974 harget dikjarazzjoni tal-Gvernatur li dawn l-artijiet kienu se jigu esproprjati ghal skop pubbliku. B'avviz ghal ftehim tad-19 ta' Novembru 1974 saret offerta' lir-rikorrenti ta' Lm81 u Lm2,095 ghaz-zewg bicciet art liema offerta ma gietx accettata mir-rikorrenti. Kien sar rikors quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet u dan fit-13 ta' Ottubru 1995 kien iddecieda li l-kumpens kellu jkun ta' Lm227.75 u Lm7,099.94 u ordna lir-rikorrenti jittrasferixxu l-art lill-Kummissarju ta' l-Art b'titolu ta' xiri assolut. Ir-rikorrenti kienu appellaw minn dina d-decizjoni izda l-Qorti ta' l-Appell iddikjarat l-appell null billi ma setghax isir appell minn dika d-decizjoni.

**"KONTESTAZZJONI**

“Ir-rikorrenti jikkontendu li ma sar l-ebda uzu ghal skopijiet pubblici minn dawn l-artijiet espropr jati. Il-porzjoni A inghatat sabiex persuna li kellha dar setghet tibni garage u jkollha gnien, Il-porzjoni B thalliet inutilizzata, hlief li, f’bicca minnha tpoggiet plakka kommemorattiva.

“Ir-rikorrenti jiissottomettu li l-artikolu 6 tal-Kap 88 hu in konflitt ma’ l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja billi jippermetti lill Awtorita` kompetenti li tesproprja art suppost ghal skopijiet pubblici u jekk dan hux hekk jew le ma jistax jigi indagat mill-Qorti.

“Kwantu ghal kumpens offrut ir-rikorrenti jirritjenu li dan hu kumpens irrizorju. Huma jghidu li fil-waqt li fuq l-art kollha ta’ madwar l-art tar-rikorrenti nhargu l-permessi ghall bini u tela’ l-bini, l-artijiet tar-rikorrenti ma gewx meqjusin bhala fabbrikabbli. Ghalhekk l-ghoti ta’ kumpens li ma jkunx b’xi mod jirrispekkja l-valur reali fuq is-suq ma jista’ qatt ikun kumpens xieraq ghax ma jwassalx ghal *fair balance* bejn l-interferenza mill-istat u d-dritt ghat-tgawdija ghall-proprjeta`. Ir-rikorrenti ghalhekk talbu li jigi likwidat il-kumpens xieraq dovut lilhom jew inkella jigu likwidati d-danni li sofrew u f’kull kaz l-ammont ghandu jirrifletti l-*market value*.

“Finalment ir-rikorrenti jsostnu li kien hemm dewmien biex jinbeda l-process mill-intimat li minn 1974 beda l-proceduri fin 1990 meta pprezenta r-rikors quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg. Dan id-dewmien minbarra li jivvjola l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jivvjola wkoll l-artikolu 1 tal l-Ewwel Protocol billi ghen biex ir-rikorrenti ma hadux kumpens xieraq skond il-ligi ghal artijiet taghhom.

“Min-naha l-ohra l-intimati rrispondew li r-rikorrenti nfushom ma urew l-ebda interess billi kieku vera kienu pregudikati mid-dewmien huma stess setghu jiskattaw il-proceduri necessarji bil-mezzi li taghithom il-ligi. Il-kumpens stabilit mill-Bord ta’ l-Arbitragg kien wiehed xieraq u moghti skond il-Ligi u finalment l-artikolu 6 tal Kap 88 ma jmurx kontra l-artikolu 1 ta’ l-ewwel Protokoll billi dana ma jeskludiex stharrig gudizzjarju kemm taht lartikolu 469A tal-Kap 12 kif ukoll taht l-Att X1V tal-1987.

**“KONSIDERAZZJONIJIET**

**“Esproprjazzjoni u skop pubbliku**

“Kwantu ghall-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-artijiet ma gewx esproprjati ghal skop pubbliku jirrizulta mill-provi li l-artijiet li ttiehdu minghand ir-rikorrenti intuzaw biex ghaddiet triq, sar gnien pubbliku, *bus shelter*, gebla kommemorattiva, nicca ta’ Santa Marija u erba’ *garages*. Fil-fatt aktar minn 90 fil-mija ta’ l-art saret gnien pubbliku. Hemm erba’ *garages* jew *stores* bil-kejl ta’ 16 x 10ft li qeghdin circa nofshom fuq l-art esproprjata u nofshom le. Dawn il-hwienet qeghdin fil-Housing Estate f’idejn il-privat u qed jintuzaw ghal bzonnijiet tar-residenti tal-Housing Estate. Go wiehed minn dawn l-istores hemm generator tal-Enemalta. (ara ritratti ezibiti) Dawn il-garages jokkupaw parti zghira biss mill-art li giet esproprjata.

“Skond il-Qorti Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem “*Any interference with property must satisfy the requirement of serving a legitimate public (or general) interest*

.

*“Because of their direct knowledge of their society and its needs, the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is ‘in the public interest’. Under the system of protection established by the Convention, it is thus for the national authorities to make the initial assessment both of the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property and of the remedial action to be taken… Here as in other fields to which the safeguards of the Convention extend, the national authorities accordingly enjoy a certain margin of appreciation… The Court will respect the legislative's judgement as to what is "in the public interest" unless that judgement be manifestly without reasonable foundation*

*“*Regarding the meaning of "the public interest" the Court stated that a deprivation of property effected for no reason other than to confer a private benefit on a private party cannot be "in the public interest". Nonetheless, the

compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate aim for promoting the public interest……. A taking of property effected in pursuance of legitimate social, economic or other policies may be " in the public interest"; even if the community at large has no direct use or enjoyment of the property taken.

“Il-ligi tagha tiddefinixxi x'inhu **skop** pubbliku fl-art 2 tal-Kap 88. Inter alia, "skop pubbliku" jfisser kull skop li ghandu x'jaqsam ma' l-uzu esklussiv tal-Gvern jew ma' l-uzu pubbliku generali, jew li ghandu x'jaqsam ma' jew jiswa ghall-**interess** jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun ghall-uzu tal-Gvern sew jekk le) jew ma' jew ghall-ippjanar ta' l-ibliet..."

“Ghalhekk fil-kaz in ezami jirrizulta li l-artijiet ittiehdu fil-maggor parti l-kbira taghhom ghal skop pubbliku – biex isir gnien pubbliku. Il-parti zghira fejn nbnew il-garages hija mibnija f’parti biss fuq l-art esproprijata u fuq parti li mhiex tar-rikorrenti u ghalkemm parti qeghdin f’idejn ilprivat dawn qed jintuzaw indirettament in konnessjoni mal-uzu pubbliku cioe` ghal bzonnijiet tar-residenti tal-Housing Estate. L-esproprjazzjoni fir-rigward ta’ l-art fejn inbnew il-*garages* saret ghall-gid tal-pubbliku anke jekk tiffavorixxi lill-privat.

“Ir-rikorrenti qed jattakkaw l-artikolu 6 tal-Kap 88 u jirritjenu li dana huwa antikostituzzjonali billi dana jipprovdi li hadd ma jista’ jitlob prova ohra ta’ l-iskop pubbliku imsemmi fl-artikoli 3 u 4 u fis-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 8 minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta.

“Dwar dan il-punt kien hemm diversi decizjonijiet ta’ dina l-Qorti li sostnew li l-Kap 88 hu ligi specjali u li ma jistax jimponi limitazzjonijiet ghar-rekwiziti ghal Konvenzjoni Ewropeja li hija ligi ta’ ordni pubbliku. L-artikolu 3(2) tal-Att X1V tan-1987 jiddisponi li fejn hemm xi ligi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet Fundamental tal Bniedem dik il-ligi ghandha, sa fejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett (arasentenzi T. Borg vs Seg Parlamentari ghall-Ambjent dec 3.5.91 PA AD u fl-Appell 21/1/05; V. Borg vs Onor.

Prim Ministru et PA VDG 25.7.96 u App M. Cutajar et vs Kumm. ta' l-Art 30.11.2001).

**"Kumpens xieraq**

"Kif affermat il-Qorti Ewropeja:-

*"As to the standard of compensation, a taking of property without an amount of compensation reasonably related to its value would normally be disproportionate.*

*"Article 1 does not guarantee a right to full compensation in all circumstances.*

*"Legitimate objectives of 'public interest' such as are pursued in measures of economic reform or measures designed to achieve greater social justice, may call for less than reimbursement of the full market value* (Ara James vs UK.).

"F'dan ir-rigward, ir-rikors odjern hu bazat unikament fuq l-allegazzjonji li kien hemm ksur ta' l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ir-rikorrenti kienu marru quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-artijiet u gie iffissat il-kumpens dovut izda ir-rikorrenti ma qablux ma dana l-kumpens u qed jippretendu li l-market value ta' l-artijiet huwa hafna aktar. Mhux kontestat li f'dan il-kaz il-Bord mexa fuq kriterji oggettivi li jipprovvdi l-Kap 88 dwar kif ghandu jinhadem il-kumpens. Il-Kap 88 jipprovdi:

"Artikolu 25(1) is-setgha tal-Bord tikkonsisti filli dan jista' –

(*e*) jiffissa l-ammont ta' kumpens li ghandu jithallas taht id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza u ghal dan l-iskop jiddikjara jekk area hix art tajba ghall-bini jew hix raba' inkella moxa;

"Dwar l-ghoti ta' kumpens mill-Bord il-Kap 88 fl-artikolu 27 jipprovvdi li:

Minghajr hsara ta’ disposizzjonijiet specjali ta’ din l-Ordinanza, il-Bord, meta jigi biex jiffissa l-kumpens, ghandu josserva dawn ir-regoli:

(*b*) il-valur ta’ l-art, minbarra kif jinghad hawnhekk izjed ’il quddiem, ghandu jittiehed li hu l-ammont illi l-art tista’ iggib kieku tigi mibjugha fis-suq minn sidha volontarjament.

“Dan ifisser li hemm kriterji oggettivi li fuqu jinhadem il-kumpens li ghandu jinghata.

“Din il-Qorti mhiex Qorti ta’ revizjoni ta’ l-operat tal-Bord ta’ l-Arbitragg. Din il-Qorti trid biss tara jekk id-disposizzjonijiet tal-Kap 88 hux in konflitt ma l-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

“Jirrizulta li l-Kap 88 jiddetermina kriterji precizi ta’ kif il-Bord ghandu jikklassifika l-art skond l-uzu attwali u potenzjali taghha, u jeskludi kull xorta ta’ arbitrarjeta` u jimponi parametri cari u oggettivi kif kellu jigi stabbilit il-kumpens applikabbli uniformement ghal kullhadd u applikabbli minn tribunal imparjzali u indipendenti (ara sentenza App 2/11/2001 J.C.R. Ltd vs Kumm. Ta’ l-Artijiet et).

“L-art giet stmata minn periti teknici mharrga u wiehed jista’ ma qabilx mal-valutazzjoni maghmula minn dawn l-esperti tal-Bord u jghid li jqisha bhala baxxa u ma tirriflettiex l-aspettattiva tal-propretarju izda certament wiehed ma jistax jikkwalifikaha bhala arbitrarja jew kappriccuza. Dan ghaliex ma gie pruvat li ma kien hemm xejn fl-atti li jindika li l-Bord ma segwiex skrupolozament id-dettami tal-ligi.

“Ghalhekk japplika f’dana l-kaz il-principju li *where the amounts are fixed by reference to objective standards with the possibility of representation for those deprived of property in the process, intervention by the European Convention institutions is unlikely.* (Law of the European Convention on Human Rights. Harris, Boyle & Warbrick.)

Ghalhekk lanqas hu kompitu ta’ dina l-Qorti li tistabilixxi jew tirrevedi l-valur ta’ art in kontestazzjoni.

**“Dewmien**

“Skond l-artikolu 22(3) tal-Kap 88 jekk is-sid ma jaccettax l-offerta` maghmula mill-awtorita` kompetenti, il-kaz jigi mressaq quddiem il-Bord b’rikors li jsir mill-awtorita` kompetenti…..

“F’dan il-kaz l-avviz ghal ftehim kien inhareg fil-1974 u l-intimat ipprezenta r-rikors quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg biex jibda l-procedura ghal-likwidazzjoni tal-kumpens fil-1990 – sittax il-sena shah.

“L-intimati qed jippretendu li r-rikorrenti messhom hadu passi biex jigi mpost terminu fuqhom biex jiehdu l-passi li tridhom jiehdu l-ligi. Il-Qorti ma taqbilx ma dak sottomess billi l-obbligu li jagixxu hu impost mil-ligi fuq l-awtorita` kompetenti u mhux fuq ir-rikorrenti u ghalhekk huma responsabbili ghad-dewmien li kien hemm f’dana l-kaz li biex inbdew il-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet.

“Fil-kaz in ezami minhabba dina l-vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti minhabba dewmien il-Qorti hi tal-fehma li huma ghandhom jigu kumpensati b’somma flus u mhux biss bid-dikjarazzjoni ta’ vjolazzjoni.

**“DECIZJONI**

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti hlief ghar-raba’ talba li qed tintlaqa’ in parte fis-sens li qed jigi dikjarat li kien hemm dewmien esagerat sabiex jinbdew il-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg biex jigi stabbilit il-kumpens minhabba l-esproprjazzjoni u dan b’vjolazzjoni ta’ l-artikolu 39 (2) tal-Kostitiuzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

“Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300) in vista tal-vjolazzjoni imsemmija;

"Spejjez kwantu ghall-1/5 ghall intimati u 4/5 ghar-rikorrenti."

**L-appell**

Minn din is-sentenza appellaw biss ir-rikorrenti; l-intimati Avukat Generali u Kummissarju tal-Artijiet ma appellawx (anqas incidentalment) minn dik il-parti tas-sentenza li peremzz taghhom huma gew ikkundannati jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' Lm300 in linea ta' danni morali minhabba d-dewmien sabiex jinbdew il-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg, kif ukoll ma appellawx (l-intimati) ukoll minn dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-ewwel Qorti laqghet ir-raba' talba tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti appellaw ukoll minn digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-28 ta' Novembru 2003 li permezz tieghu dik il-Qorti cahdet talba tar-rikorrenti sabiex jipproduci xhud partikolari. L-aggravji huma tlieta, u ser jigu kkunsidrati *seriatim*. Jigi precizat ukoll li ghalkemm fit-talba fir-rikors ta' appell taghhom l-appellanti qed jitolbu li din il-Qorti tvarja (presumibbilment billi zzid) il-kumpens moghti ghall-ksur tal-Artikoli 39(2) u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament, cioe` minhabba d-dewmien quddiem il-Bord, <u>ma hemm ebda aggravju specifikatament indirizzat lejn il-likwidazzjoni ta' Lm300</u>.

**Osservazzjonijiet preliminari**

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tikkunsidra dawn l-aggravji, pero`, trid taghmel certi osservazzjonijiet preliminari principalment dwar il-provi li ngiebu mir-rikorrenti appellanti quddiem l-ewwel Qorti.

Ir-rikors promotorju gie intavolat fit-18 ta' Mejju 1998. Sal-11 ta' Frar 2000 ir-rikorrenti kienu ghadhom ma gabux prova wahda in sostenn tat-talbiet taghhom, u dan minkejja diversi seduti li inzammu mill-Prim Awla – f'erbgha minn dawn is-seduti kienu r-rikorrenti stess, jew il-legali taghhom, li talbu differiment. Permezz ta' nota ppresentata fil-11 ta' Frar 2000 ir-rikorrenti ezibew affidavit ta' Salvatore Schembri flimkien ma diversi

dokumenti li jikkonsistu principalment f'fotokopji ta' estratti mill-gazzetta tal-Gvern, pjanti, u fotokopji tal-partijiet mill-atti quddiem il-Bord tal-Arbitragg, inkluza kopja tad-decizjoni ta' l-imsemmi Bord tat-13 ta' Ottubru 1995. Hemm ukoll fotokopja ta' stima, taht il-firma tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi (li in segwitu gie prodott bhala xhud mir-rikorrenti fl-10 ta' Novembru 2003[1]), liema stima ggib id-data tat-18 ta' Jannar 1993 meta n-*notice to treat* harget fid-19 ta' Novembru 1974.

Wara din in-nota tal-11 ta' Frar 2000 isegwi perjodu iehor ta' inattivita` da parti tar-rikorrenti. In fatti fil-verbal tat-12 ta' Jannar 2001 l-ewwel Qorti kienet wissiet li jekk ir-rikorrenti ma jgibux provi fis-seduta ta' wara, hija kienet ser tikkancella r-rikors. Effettivament fl-udjenza ta' wara – 12 ta' Marzu 2001 – hekk gara, ir-rikorrenti ma ressqux provi u l-Qorti ddifferiet ir-rikors *sine die.* Wara rikors li sar mir-rikorrenti, il-kawza regghet giet riappuntata ghas-6 ta' April 2001. Fis-6 ta' April 2001 ir-rikorrenti regghu talbu differiment. Fl-ahhar, fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2001 ir-rikorrenti iddikjaraw "li jonqoshom biss jippresentaw il-provi dokumentarji hlief ghar-rappresentat tal-Kummissarju ta' l-Artijiet". Fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru 2001 ir-rikorrenti ppresentaw nota ohra b'diversi dokumenti, fosthom zewg kopji ta' kuntratti ta' akkwist ta' art (datati 25 ta' Ottubru 1967), ritratti, u estratti u fotokopji ta' dokumenti ohra li xi whud minnhom kienu diga` gew ezibiti man-nota precedenti tal-11 ta' Frar 2000 – ara, per ezempju, d-dokumenti a fol. 25 u 85, jew il-kopja tad-decizjoni tal-Bord, fol. 36 u 95. Fil-11 ta' Frar 2003 xehed Anthony Deguara in rappresentanza tal-Kummissarju ta' l-Artijiet, li ezibixxa pjanta (Dok. AC, a fol. 123) u anke diversi ritratti. Fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2003 ir-rikorrenti ppresentaw stima ohra, din id-darba taht il-firma tal-Perit J. P. Attard; u fit-23 ta' Awissu 2003 stima ohra, taht il-firma tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi, din id-darba datata 2 ta' Gunju 2003. Fl-10 ta' Novembru 2003 xehed il-Perit Muscat Azzopardi li kkonferma l-istima tat-2 ta' Gunju 2003. F'din l-istess udjenza, u wara li kien xehed il-Perit Muscat Azzopardi gie registrat is-segwenti verbal:

[1] Ara fol. 145 tal-atti.

*"Dr. Schembri u Dr. Azzopardi talbu li jipproducu lix-xhud Frank Calleja li dan l-ahhar inghata kumpens mill-Gvern ghall-proprjeta` li qabel kienet stimata mod u llum giet stmata mod iehor, liema fatti saru jafu bihom wara li r-rikorrent kien iddikjara li m'ghandux aktar provi."* Fl-udjenza tal-21 ta' Novembru 2003 l-avukat tal-intimati oppona ruhu ghal din it-talba *"…billi apparti li ghalqu l-provi, ix-xhud mhux relevanti billi ser jixhed fuq art li mhux mertu tal-kawza."* Fl-udjenza tat-28 ta' Novembru 2003 l-ewwel Qorti cahdet it-talba sabiex jigi prodott Frank Calleja *"billi r-rikorrenti ilhom zmien biex iressqu l-provi taghhom u ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi."* Fl-1 ta' April 2004 r-rikorrenti ppresentaw nota ta' sottomissjonijiet. Il-kontro-parti baqghu ma ppresentawx nota responsiva (minkejja li nghataw zmien ghal dan) u s-sentenza inghatat mill-ewwel Qorti fid-29 ta' April 2005. Fis-17 ta' Ottubru 2005 il-partijiet quddiem din il-Qorti "irrimettew ruhhom ghar-rikors ta' appell, ghar-risposta u ghall-atti tal-kawza", u l-kawza baqghet ghas-sentenza li qed tinghata llum.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Din il-Qorti rrikapitolat l-*iter* tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti ghax frankament ghadha sbalordita bil-mod bizzarr kif, fuq tlett punti semplici li fuqhom hu mibni r-rikors promotorju, ir-rikorrenti kellhom bzonn hames snin biex jipproducu affidavit, zewg xhieda, u patafjum dokumenti li xi whud minnhom huma totalment irrelevanti. Zgur li ma jistghux jilmentaw mill-mod kif l-ewwel Qorti kkonduciet is-smigh. It-tlett punti li kellhom jigu indirizzati kienu (1) jekk l-esproprju ta' l-art tar-rikorrenti sarx fl-interess pubbliku konformement mat-tieni sentenza tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, (2) jekk, minkejja li l-esprorjazzjoni tkun saret apparentement fl-interess pubbliku, kienx hemm vjolazzjoni ta' l-imsemmija disposizzjoni tal-Konvenzjoni minhabba li ma jkunx inzamm "a fair balance between the rights of the applicants and the public interest", u (3) il-kwistjoni tad-dewmien quddiem il-Bord. Dwar dan l-ahhar punt, kif diga gie osservat, ma hemmx aggravju specifiku (ghalkemm mill-mod kif inhi formulata t-talba fir-rikors ta' l-appell

jidher li l-appellanti qed jippretendu awment fil-kumpens, bhala danni morali, minhabba d-dewmien), u ghalhekk din il-Qorti ma hi ser tghid xejn aktar dwaru.

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda d-digriet tat-28 ta' Novembru 2003. L-appellanti jillanjaw li l-ewwel Qorti ingustament cahdet it-talba taghhom sabiex jixhed Frank Calleja. Skond l-appellanti "il-fatti li dwarhom kellu jixhed [dan Calleja] ma kienux ghadhom graw meta gew istitwiti l-proceduri kostituzzjonali u lanqas meta r-rikorrenti kienu ghadhom qeghdin iressqu l-provi taghhom". Fir-rikors ta' appell taghhom, pero`, l-appellanti ma jaghtu ebda indikazzjoni tar-relevanza ta' dana x-xhud. Ghalhekk din il-Qorti jkollha tmur fuq l-oggett tal-prova <u>kif dikjarat mill-istess </u>rikorrenti fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2003:

**"…talbu li jipproducu lix-xhud Frank Calleja li dan l-ahhar inghata kumpens mill-Gvern ghall-proprjeta` li qabel kienet stimata mod u llum giet stmata mod iehor, liema fatti saru jafu bihom wara li r-rikorrent kien iddikjara li m'ghandux aktar provi."**

Dan, u dan biss, gie dikjarat bhala li hu l-oggett tal-prova. Ma hemm ebda indikazzjoni ta' fejn hi l-proprjeta` ta' dan Calleja, kif u meta saru l-istimi, jew kif id-deposizzjoni tieghu tista' mqar fuq bazi *prima facie* tincidi fuq il-kwistjoni ta' l-interess pubbliku jew tal-allegata nuqqas ta' proporzjonalita` bejn l-interessi in ballo. Fir-rikors promotorju, u fil-kors tas-smigh quddiem l-ewwel Qorti, ma giet allegata ebda forma ta' diskriminazzjoni bejn kif gew trattati r-rikorrenti u kif gie trattat xi hadd iehor. Mela kif jistghu, allura, l-appellanti jippretendu li l-ewwel Qorti tammettilhom xhud li r-relevanza tieghu <u>ghall-finijiet tal-kawza</u> ma tirrizulta minn imkien? Huwa veru li l-ewwel Qorti bbazat ic-cahda taghha li tisma' lil dan ix-xhud fuq il-konsiderazzjoni taz-zmien li l-r-rikorrenti kienu hadu biex iressqu l-provi taghhom u fuq il-fatt li kienu ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi; pero` dik il-Qorti setghet parimenti – u possibilment kienet tkun aktar korretta – tichad dik it-talba peress li r-rikorrenti appellanti b'ebda mod ma kienu wrew li dak ix-xhud kien b'xi mod relevanti ghall-meritu tal-

kawza. Ghalhekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti tat-28 ta' Novembru 2003 kienet sostanzjalment gusta, u dana l-aggravju qed jigi rigettat.

It-tieni aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li l-ewwel Qorti zbaljat meta rriteniet li l-art taghhom kienet giet esproprjata fl-interess pubbliku. Mar-rikors ta' appell huma ezibew anke pjanti biex jipprovaw jikkonvincu lil din il-Qorti li l-ewwel Qorti kienet hawdet bicca art ma' ohra meta qalet li fuq l-art taghhom kien hemm gnien pubbliku. Frankament din il-Qorti pjuttost tara li l-appellanti qed jippruvaw jizvijaw lil din il-Qorti bis-sottomissjonijiet taghhom. Huwa evidenti kemm mill-pjanta ezibita minn Anthony Deguara a fol. 123, kif ukoll mit-tlettax-il ritratt minnu ezibiti (fl-envelope immarkata "110-122") u mid-deposizzjoni tieghu – deposizzjoni li ma giet b'ebda mod serjament kontradetta, anqas bl-affidavit ta' Salvatore Schembri – li z-zewg bicciet art tar-rikorrenti meritu ta' din il-kawza ittehdulhom in konnessjoni mal-bini u l-ipprogettar ta' *housing estate* mill-Gvern. Fuq dawn il-bicctejn art illum hemm in parti triq pubblika u spazju zghir ghall-parkegg, gnien zghir, *bus-shelters* u binja kjarament intiza bhala hwienet (erbgha b'kollox) biex iservu lill-komunita` ta' dik l-*estate*. Dan hu konfermat ukoll mir-ritratti ezibiti mir-rikorrenti stess a fol. 73. Dan kollu jirrientra fil-kuncett ta' "interess pubbliku". Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, parti minn dawn il-bicctejn art ghamlu xi zmien bhala semplici *open space* – haga frekwenti hafna fl-ipprogettar ta' *housing estates* – u minghajr id-dekorazzjoni ta' sigar jew pjanti, dan ma jfissirx li l-art ma kienitx ittiehdet fl-interess pubbliku. Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod terga' tirrepeti l-principji u r-regoli tal-ligi li jeddeterminaw jekk esproprjazzjoni tkunx saret fl-interess pubbliku o meno; il-Qorti tillimita ruhha li taghmel referenza ghas-sentenza moghtija recentement minn din il-Qorti, u precisament fl-20 ta' Marzu 2006, fl-ismijiet ***J. Lautier Company Limited v. Kummissarju ta' l-Artijiet et***, fejn gew riassunti dawn l-principji u regoli. Jizdied jinghad biss li l-fatt li bicca art eventwalment tispicca f'idejn il-privat ma jfissirx necessarjament li dik l-art ma tkunx ittiehdet fl-interess pubbliku jew ghal skop pubbliku (ara a propositu

s-sentenza ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Marzu 2003 fl-ismijiet ***Emmanuela Vella pro et noe et v. Kummissarju tal-Artijiet et***). Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint bhala manifestament infondat.

Jibqa’ x’jigi kkunsidrat l-aggravju dwar il-“kumpens xieraq” ghall-esproprjazzjoni tal-art (mhux ghad-dewmien, li dwaru, kif inghad, ma hemmx aggravju specifiku). L-argument ta’ l-appellanti hu li l-art li ttehditilhom tiswa ferm aktar milli huma ser jircievu bhala kumpens. Jibda biex jinghad li huwa ovvju li llum l-art tiswa ferm aktar milli kienet meta huma gew notifikati bin-*notice to treat* – u huma jammettu li gew hekk notifikati fl-1974 (ara n-nota ta’ osservazzjonijiet a fol. 152 *et seq.* u senjatament a fol. 155). Ma gie ppruvat b’ebda mod, minkejja l-istimi kollha ezibiti mir-rikorrenti appellanti – stimi maghmulin relattivament recenti u kollha bbazati fuq il-*current market value* tal-proprjeta` – li l-istima taz-zewg bicciet art maghmula mill-Bord riferibbilment ghall-art kif kienet, u kemm kienet tiswa, fl-1974 kienet b’xi mod sproporzjonata ghall-valur reali taghha f’dak iz-zmien u kif kienet dak iz-zmien. L-appellanti la quddiem l-ewwel Qorti u anqas quddiem dina l-Qorti ma huma b’xi mod qed jattakkaw xi disposizzjoni partikolari tal-Kap 88 dwar kif jigi ffissat il-kumpens bhala li fiha nnifisha jew fl-applikazzjoni taghha ghal dan il-kaz tilledi l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll (l-uniku artikolu li qed jattakkaw huwa l-Artikolu 6 ta’ l-imsemmi Kap 88). Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-Kap. 88 jipprovdi ghal kriterji oggettivi dwar kif jigi ffissat il-kumpens, kumpens li, skond il-gurisprudenza tal-Qorti ta’ Strasbourg, ma hemmx ghalfejn li jkun “full compensation” jew kumpens skond il-“full market value”[2]. Ghalhekk, dana l-aggravju qieghed ukoll jigi respint bhala totalment infondat fuq il-provi akkwiziti.

Jinghad fl-ahharnett – u dan minhabba l-mod kif inhi formulata t-talba fir-rikors ta’ appell – li kwantu ghall-

---

[2] Ara a propositu wkoll Harris D. J., O’Boyle M. u Warbrick C. **Law of the European Convention on Human Rights** Butterwoths (London), 1995, pp. 532-534.

ewwel talba tar-rikorrenti kif migjuba fir-rikors promotorju[3], din il-Qorti, fis-sentenza taghha tal-24 ta' Mejju 2004 fl-ismijiet ***Raymond Vella et v. Kummissarju tal-Artijiet***, kienet cara li, meta jkun hemm kontestazzjoni minhabba allegat nuqqas ta' "skop pubbliku" jew "interess pubbliku" u konsegwenti allegat ksur ta' drittijiet fondamentali, jispetta ghall-istat li jkun qed jesproprja li jipprova, a sodisfazzjon tal-organi gudizzjarji, li dak l-esproprju kien verament sar, *inter alia*, fl-interess pubbliku. Il-presunzjoni kontenuta fl-Artikolu 6 tal-Kap. 88 hija limitata biss ghat-thaddim tal-istess Kap. 88, u hija necessarjament presunzjoni *juris tantum* biex tibqa' kompatibbli mal-ligijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali. Ghalhekk ma hemmx lok li l-ewwel talba tar-rikorrenti (kif migjuba fir-rikors promotorju) tintlaqa'.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati kollha mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[3] U cioe`: "tiddikjara li l-Artikolu 6 tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta huwa in vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni…"